

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2017/C 146/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' DENOMINAZZJONI TAL-ORIĠINI PROTETTA JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA

**Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012****“ACCIUGHE SOTTO SALE DEL MAR LIGURE”****Nru tal-UE: PGI-IT-02177 — 15.9.2016****DOP ( ) IĠP ( X )****1. Grupp applikant u interess leġittimu**

Maremosso srl  
Via provinciale per Novano 24/26  
16030 Casarza Ligure (Ge)  
ITALIA  
Tel. +39 0185470901  
Posta elettronika: info@pec.maremossosrl.it

L-azjenda Maremosso srl, li hija l-unika li tipproduċi l-“Acciughe sotto sale del Mar Ligure” IĠP, hija intitolata li tressaq applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 13(1) tad-Digriet Nru 12511 tal-14 ta' Ottubru 2013 tal-Ministeru tal-Politika tal-Agrikoltura, tal-Ikel u tal-Forestrija.

**2. Stat Membru jew pajjiż terz**

L-Italja

**3. Titlu fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwat mill-emenda**

- Isem il-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-orijini
- Metodu ta' produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Oħrajn [Referenza ġuridika aġġornata]

**4. Tip ta' emenda**

- Emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP rreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

- Emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP rreġistrata li minħabba fiha ma ġie rreġistrat l-ebda dokument uniku (jew dokument ekwivalenti) u li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

## 5. **Emenda/i**

### *Deskrizzjoni tal-prodott*

Is-sentenza tal-punt 4.2 tal-iskeda tas-sommarju (ĠU, C 279/8, 22.11.2007):

“Daqs: tul ta' bejn 12-il u 20 cm.”

Tiġi allinjata mas-sentenza li ġejja tal-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:

“Id-daqs massimu huwa ta' tul ta' 20 cm.”

Din l-emenda telimina n-nuqqas ta' konsistenza bejn l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-iskeda tas-sommarju. It-tul minimu u massimu tal-inċova huwa dak ta' meta tinqabad u mhux meta tiġi pproċessata. Id-daqs minimu tal-ħut maqbud għadu ta' 12-il cm kif previst fl-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni kurrenti.

### *Żona ġeografika*

Artikolu 3 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott – Punt 4.3 tal-iskeda tas-sommarju

Is-sentenza:

*L-“Acciughe sotto sale del Mar Ligure” jinstadu, jiġu pproċessati u kkondizzjonati fl-ilmijiet tal-kosta tal-Liguria u t-territorju tal-muniċipalitajiet fir-reġjun tal-Liguria mal-kosta tal-Baħar Tirren immarkata mil-linja diviżorja tal-ilmijiet.*

Hija emendata kif ġej:

*L-“Acciughe sotto sale del Mar Ligure” jinstadu, jiġu pproċessati u jiġu ppakkjati fl-ilmijiet tal-kosta tal-Liguria u t-territorju tal-muniċipalitajiet fir-reġjun tal-Liguria mal-kosta tal-Baħar Tirren immarkata mil-linja diviżorja tal-ilmijiet.*

It-terminu “kkondizzjonati” għandu jinbidel u jsir “ppakkjati” skont l-emenda li tinsab fil-punt li jmiss dwar il-prova tal-orijini.

### *Prova tal-orijini*

Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

Is-sentenza:

“B'dan il-mod, u permezz ta' rreġstrazzjoni f'listi apposta, miżmuma mill-korp ta' kontroll, tas-sajjieda, tal-proċessuri u tal-kondizzjonaturi, kif ukoll permezz tan-notifika immedjata tal-kwantitajiet mistada u kkondizzjonati lill-korp ta' kontroll, it-traċċabilità tal-prodott hija garantita.”

Hija emendata kif ġej:

“B'dan il-mod, u permezz ta' rreġstrazzjoni f'listi apposta, miżmuma mill-korpi ta' kontroll, tas-sajjieda, tal-proċessuri u ta' dawk li jippakkjaw, u ż-żamma ta' reġistri tal-produzzjoni u tal-ippakkjar, kif ukoll permezz tan-notifika immedjata tal-kwantitajiet mistada, ipproċessati u ppakkjati lill-korp ta' kontroll, it-traċċabilità tal-prodott hija garantita.”

It-terminu “kondizzjonaturi” għandu jinbidel u minflok jintuża “dawk li jippakkjaw” li huwa aktar korrett. Permezz ta' dan se jkun aktar possibbli li jiġi identifikat kull operatur fil-katina tal-produzzjoni b'aktar preċiżjoni u jiġi ffaċilitat il-kontroll.

### *Metodu ta' produzzjoni*

Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

Is-sentenza:

“Wara li tinqabad, l-inċova għandha titqiegħed fil-kaxxa tal-injam tradizzjonali (b'daqs ta' 50 × 33 × 10 cm), li jesgħu madwar 10 kg tal-prodott.”

Hija *mħassra*.

Ir-referenzi għall-kaxxa tal-injam għandhom jitneħħew, peress li dawn il-kaxxi kienu soġġetti għal għadd ta' restrizzjonijiet dwar l-iġjene u s-saħħa, tant li l-użu tagħhom kien ikkomplikat u ma jħallix qligħ għall-operaturi.

Is-sentenza:

“L-inċova għandha titnaddaf bl-idejn u titneħħilha rasha.”

Hija emendata kif ġej:

“L-inċova għandha titnaddaf bl-idejn u jitneħħulha rasha u msarinha.”

Meta wieħed jispeċifika li għandhom jitneħħew mhux biss ir-ras iżda wkoll l-imsaren, kif dejjem isir fit-tħejjija tal-inċova mmellħa, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tkun iktar *preċiża*

Il-paragrafu:

“B’hekk l-inċova mnaddfa għandha titqiegħed f’saffi fuq xulxin, f’forma ta’ mrewħa, fi btieti tal-injam tas-siġra tal-qastan xierqa għall-użu mal-ikel. L-inċova tista’ tiġi staġjonata fi btieti tal-injam tas-siġra tal-qastan jew f’imħafi tat-terrakotta u għall-perjodu kollu ta’ staġjonatura meħtieġ kif imsemmi fil-punt c) ta’ dan l-Artikolu dwar il-metodu ta’ staġjonatura.”

Huwa emendat kif ġej:

“B’hekk l-inċova mnaddfa għandha tiġi mmellħa billi titqiegħed f’saffi fuq xulxin, f’forma ta’ mrewħa, f’kontenituri xierqa għall-użu mal-ikel. Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw kontenituri tal-injam tas-siġra tal-qastan, tat-terrakotta, tal-plastik jew tal-azzar, li jkunu xierqa għall-użu mal-ikel.”

Din l-emenda hija meħtieġa biex waqt il-fażi tat-tmelliħ, il-produtturi jkunu jistgħu jużaw kontenituri ta’ materjal ieħor li mhux injam u terrakotta. Bis-saħħa t’hekk, in-negozji *ż-żgħar* jitnaqqasulhom l-ispejjeż tal-produzzjoni marbuta max-xiri tal-kontenituri tat-terrakotta u tal-btieti tal-injam.

Ir-referenza għall-perjodu ta’ staġjonatura ġiet imħassra minħabba li din hi koperta mill-punt c) dwar il-metodu ta’ staġjonatura tal-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Is-sentenza:

“Il-pressjoni fuq l-inċova mill-piżijiet mqiegħda fuq il-btieti għandha tippermetti li jiġu ffurmati l-likwidi ta’ estrazzjoni.”

Hija emendata kif ġej:

“Il-pressjoni fuq l-inċova mill-piżijiet mqiegħda fuq il-kontenituri għandha tippermetti li jiġu ffurmati l-likwidi ta’ estrazzjoni.”

Is-sentenza tirrifletti l-emenda msemmija fil-punt 6.

Il-paragrafu:

“It-temperatura fil-kamra tal-istaġjonatura tista’ tvarja skont it-tip ta’ salmura użat, jiġifieri bejn 20 u 28 °C meta jintużaw salmuri qawwija u bejn 6 u 20 °C meta jintużaw salmuri medji. Ladarba l-istaġjonatura tintlaħaq, l-inċova mmellħa għandha tiġi trasferita mill-btieti għal kontenituri ċilindriċi apposta tal-ħġieġ imsejħa ‘arbanelle’.”

Huwa emendat kif ġej:

“It-temperatura fil-kamra tal-istaġjonatura tista’ tvarja skont it-tip ta’ salmura użat, jiġifieri bejn 20 u 28 °C meta jintużaw salmuri qawwija u bejn 16 u 20 °C meta jintużaw salmuri medji. Ladarba l-istaġjonatura tintlaħaq, l-inċova mmellħa għandha tiġi trasferita mill-kontenituri għal kontenituri ċilindriċi apposta tal-ħġieġ imsejħa ‘arbanelle’.”

L-ewwel sentenza tal-paragrafu ġiet emendata sabiex jiġi kkorreġut żball klerikali dwar it-temperatura minima għas-salmuri medji, li għandha tkun ta’ 16-il °C u mhux ta’ 6 °C, li hija temperatura baxxa wisq għall-istaġjonatura xierqa. L-emenda tat-tieni sentenza tirrifletti l-emenda msemmija fil-punt 6.

Is-sentenza:

“Fl-‘arbanelle’, fuq l-aħħar saff inċova, għandu jitqiegħed ċirku żgħir tal-lavanja, tal-ħġieġ jew tal-plastik għall-użu mal-ikel bl-għan li jippressal-inċova.”

Hija emendata kif ġej:

“Fl-‘arbanelle’, fuq l-aħħar saff inċova, għandu jitqiegħed ċirku żgħir ta’ materjal xieraq għall-użu mal-ikel bl-għan li jippressal-inċova biex din tinżamm taħt il-livell tas-salmura.”

Din l-emenda hija meħtieġa biex tippermetti li l-produtturi jużaw ċrieki żgħar ta’ materjal ieħor minbarra l-lavanja. L-indikazzjoni li għandu jitqiegħed ċirku żgħir “*taħt il-livell tas-salmura*” ġiet miżjuda fuq talba mill-produtturi għax kienet meqjusa utli għal skopijiet ta’ produzzjoni.

Is-sentenza li ġejja ġiet miżjuda:

“L-inċova ppakkjata għandu jkollha tul minimu ta’ 10 cm.”

Din tqis it-tul minimu tal-ħut ladarba *jitneħħilu* rasu, u jiżgura wkoll il-kwalità tal-karatteristiċi tal-prodott ipproċessat. Meta l-ħut ta’ tul iqsar minn 10 cm jiġi f’kuntatt mal-melħ waqt l-istaġjonatura, *jitneħħilu* wisq ilma u dan jaffettwa ħażin id-dehra tal-prodott u l-karatteristiċi organolettiċi.

Is-sentenza:

“Il-pakkett għandu jiġi ssiġillat biex il-likwidu ma joħroġx jew biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni esterna.”

Hija emendata kif ġej:

“Il-pakkett għandu jiġi ssiġillat biex il-likwidu ma joħroġx jew biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni esterna u ma jkunx hemm evaporazzjoni.”

Iż-żieda ta’ “u ma jkunx hemm evaporazzjoni” ittejjeb il-preċiżjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

*Tikkettar*

Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

Is-sentenza:

“L-inċova għandha titqiegħed fis-suq f’kontenituri tal-ħġieġ apposta msejħa ‘arbanelle’, b’tikketta mwaħħla bil-kliem ‘Acciughe sotto sale del Mar Ligure’ I.G.P., b’daqs tat-tipa li jkun id-doppju meta mqabbel ma’ tipa oħra fuqha. ‘Indicazione Geografica Protetta’.”

Hija emendata kif ġej:

“L-inċova għandha titqiegħed fis-suq f’kontenituri tal-ħġieġ apposta msejħa ‘arbanelle’, b’tikketta mwaħħla bil-kliem ‘Acciughe sotto sale del Mar Ligure’ I.G.P. jew ‘Indicazione Geografica Protetta’, b’daqs tat-tipa li jkun id-doppju fid-daqs meta mqabbel ma’ tipa oħra fuqha.”

L-akronimu “IĠP” jista’ jintuża minflok it-terminu sħiħ “Indicazione Geografica Protetta”. B’hekk il-produtturi jkollhom aktar flessibilità biex jagħżlu r-referenza li jixtiequ fit-tfassil tat-tikketti tagħhom.

Is-sentenza:

“It-tikketta għandha tindika l-kompożizzjoni tas-salmura u tal-ingredjenti kollha użati, jiġifieri: Inċova tal-Baħar tal-Liguria, ilma u melħ.”

Hija emendata kif ġej:

“It-tikketta għandha tindika l-ingredjenti kollha użati, jiġifieri: Inċova tal-Baħar tal-Liguria, melħ, salmura (ilma u melħ).”

Din l-emenda *implimenta* dak li hu stipulat fil-punt 1 tal-Parti E tal-Anness VII tar-Regolament tal-UE Nru 1169/2011.

Is-sentenza:

“Id-data tal-ippakkjar u d-data tal-iskadenza għandhom jiġu indikati wkoll; din id-data ma għandhiex taqbeż l-24 xahar wara d-data tal-ippakkjar.”

Hija emendata kif ġej:

“Id-data tal-ippakkjar u d-data tad-durabilità minima (l-aħjar li l-prodott jittiekel qabel it-tali data) għandhom jiġu indikati wkoll; din id-data ma għandhiex taqbeż l-24 xahar wara d-data tal-ippakkjar.”

L-ispeċifikazzjoni tal-prodott hija konformi mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar it-tikkettar tal-ikel.

Punt 4.8 tal-iskeda tas-sommarju (ĠU, C 279/8, 22.11.2007)

Is-sentenza:

“Din id-data ma għandhiex taqbeż it-12-il xahar wara d-data tal-ippakkjar.”

Tiġi allinjata mas-sentenza li ġejja tal-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:

“Din id-data ma għandhiex taqbeż l-24 xahar wara d-data tal-ippakkjar.”

Din l-emenda tneħħi l-inkonsistenza bejn l-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 4.8 tal-iskeda tas-sommarju (ĠU, C 279/8, 22.11.2007).

*Referenzi ġuridiċi aġġornati*

Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ġew sostitwiti bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Żdiedu l-isem u l-indirizz tal-korp ta’ kontroll.

## DOKUMENT UNIKU

## “ACCIUGHE SOTTO SALE DEL MAR LIGURE”

Nru tal-UE: PGI-IT-02177 — 15.9.2016

DOP ( ) IĠP ( X )

## 1. Isem

“Acciughe sotto sale del mar Ligure”

## 2. Stat Membru jew pajjiż terz

L-Italja

## 3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

## 3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.7. Ħut, molluski, krustaċji u prodotti magħmulin mill-ħut

## 3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1

L-indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) “Acciughe sotto sale del Mar Ligure”, hija riżervata għall-prodott miksub mis-sajd, mill-ipproċessar u mill-ippreservar suċċessiv tal-inċova fil-melħ.

L-inċova, li tirreferi esklussivament għall-ħut tal-ispeċi *Engraulis encrasicolus* L., hija ħuta migratorja u li toqgħod fi gļejjeb li tpassi, mir-rebbiegħa sal-ħarifa, qrib il-kosta tal-Liguria u fix-xitwa toqgħod f'fond ta' bejn 100 u 150 m.

Id-daqs massimu huwa ta' tul ta' 20 cm. Il-prodott definit bħala staġjonat, jiġifieri lest biex jitqiegħed fis-suq, għandu jkollu dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

— dehra minn barra: l-inċova trid tkun sħiħa; il-ġilda, fina ħafna, trid tkun parzjalment viżibbli.

— konsistenza: il-fletti tal-ħut jridu jkunu rotob u marbuta max-xewka ewlenija tal-ħuta.

— kulur: ivarja minn roża għal kannella skur, skont il-parti tal-ħuta.

— toġhma: xotta u qawwija. Il-laħam tal-ħut ikun tari u ftit li xejn żejtne fil-palat.

## 3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

—

## 3.4. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita

Il-ħut tal-IĠP “Acciughe sotto sale del Mar Ligure” jinstad u jiġi pproċessat fiż-żona speċifika ddefinita fil-punt 4 ta' hawn taħt.

## 3.5. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ. tal-prodott li għalih qed tirreferi d-denominazzjoni reġistrata

L-inċova trid tiġi ppakkjata fiż-żona ġeografika ddefinita fil-punt 4 bl-użu ta' kontenituri tal-ħġieġ apposta magħ-rufa bħala “arbanelle”.

Il-kontenituri għandhom ikunu kbar biżżejjed biex jippermettu li l-inċova tiġi ppakkjata mingħajr ma ssir ħsara lill-prodott. Il-prodott jista' jiġi ppakkjat f'daqsijiet differenti, iżda fl-“arbanelle” ċilindriċi tal-ħġieġ trasparenti jrid ikun hemm piż nett kumplessiv ta' inċova mmellħa ta' bejn 200 u 3 000 g.

L-inċova trid titqiegħed f'saffi fuq xulxin filwaqt li bejniethom jinfirex saff irqiq ta' melħ tal-baħar komuni ta' daqs medju. Bl-għan li tiġi evitata l-ossidazzjoni tal-prodott, l-aħħar saff inċova jrid jinkesa kompletament bis-salmura ppreparata apposta għall-ippakkjar tal-prodott.

## 3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li għalih tirreferi d-denominazzjoni reġistrata

It-tikketta tal-kontenituri tal-ħġieġ imsejħa “arbanelle” irid ikollha l-kliem “Acciughe sotto sale del Mar Ligure” IĠP. jew “Indicazione Geografica Protetta”, b'daqs tat-tipa li tkun id-doppju meta mqabbel ma' tipa oħra fuqha. Fuq l-istess tikketta jridu jidhru l-isem u l-indirizz tal-produttur u ta' min jippakkja l-prodott kif ukoll l-isem tal-azjenda, apparti l-piż nett tal-prodott mingħajr ilma. Il-kliem “Indicazione Geografica Protetta” jista' jerġa' jinkiteb f'kull post ieħor tal-kontenitur jew tat-tikketta, anki bħala akronimu “IĠP”. It-tikketta għandha tindika l-ingredjenti kollha użati, jiġifieri: Inċova tal-Baħar tal-Liguria, melħ, salmura (ilma u melħ). Id-data tal-ippakkjar u d-data tal-iskadenza jridu jiġu indikati wkoll; din tal-aħħar ma tridx taqbeż l-24 xahar wara d-data tal-ippakkjar. Fuq it-tikketti jrid ikun hemm il-logo grafiku, li juri l-inċova stilizzata.

#### 4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

L-“Acciughe sotto sale del Mar Ligure” jinstadu u jiġu pproċessati fl-ilmijiet tal-kosta tal-Liguria u fit-territorju tal-muniċipalitajiet fir-reġjun tal-Liguria mal-kosta tal-Baħar Tirren immarkata mil-linja diviżorja tal-ilmijiet.

B'mod partikolari, iż-żona tas-sajd indikata tinsab quddiem il-kosta tal-Liguria, f'distanza mill-kosta skont il-fond tas-sajd (f'fond ta' bejn 50 u 300 m) b'distanza massima mill-kosta ta' 20 km. It-teknika tas-sajd użata hija dik tradizzjonali tal-lampara bix-xbieki li jduru.

Iż-żona tas-sajd trid tiġi mmarkata minħabba li l-“Acciughe sotto sale del Mar Ligure” iridu jiġu pproċessati fi żmien 12-il siegħa minn meta jinquadru.

#### 5. **Rabta maż-żona ġeografika**

L-element fundamentali li fuqu tissejjes it-talba għar-rikonoxximent tal-IĠP tal-“Acciughe sotto sale del Mar Ligure” hija r-reputazzjoni ta' isem il-prodott.

Ir-reputazzjoni tal-“Acciughe sotto sale del Mar Ligure” ilha li ġiet rikonoxxuta, u mhux biss fis-suq nazzjonali.

##### *Storja*

Diġà fis-seklu sittax fil-Liguria, is-sajd u l-kummerċ tal-inċova bħala prodott frisk kif ukoll bħala prodott ippreservat fil-melħ kienu rregolati fl-istatuti varji tal-ibliet marittimi prinċipali tal-kosta tar-reġjun.

Fil-fatt, ir-rabta mal-inċova, u mal-attivitajiet ekonomiċi relatati, kienet ta' importanza tant kbira li kellhom jiġu adottati regoli li jirregolaw it-teknika tas-sajd, l-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq.

Dak iż-żmien, ir-Repubblika ta' Genova kienet kapaċi tikkontrolla l-provvista tal-ħut, il-prezzijiet, it-tqegħid fis-suq u r-regoli li s-sajjieda kellhom josservaw.

Il-bejgħ tal-ħut kien soġġett għal taxa, il- “*gabella piscium*”. Is-sajjieda kellhom josservaw liġijiet stretti. Biex jeżerċitaw il-professjoni kellhom jinkitbu fl-assoċjazzjoni professjonali u josservaw ir-regoli li din kienet timponi. Dan kien jgħodd ukoll għall-bejgiegħa tal-ħut li kienu rreġistrati mal-assoċjazzjoni professjonali tal-“Chiapparoli” li kienu jbigħu l-prodott tagħhom f'post partikolari tal-belt ta' Genova, li kien jissejjaħ “chiappa”.

It-tmelli u l-bejgħ tal-inċova fil-melħ kienu jirrappreżentaw, għal bosta familji, attivitajiet tassew artiġjanali, paragnabbli ma' dawk tal-produtturi tal-inbid minħabba r-reqqa u l-attenzjoni meħtieġa għall-kontroll tas-salmura.

L-inċova kienet titqiegħed fil-melħ bejn Meju u l-bidu ta' Awwissu; l-aħjar inċova kienet dik ta' Ġunju u Lulju. Għat-tmelli u l-bejgħ tal-inċova, dak li jkun kellu jkseb liċenzja speċifika. Il-konsum tal-ħut frisk kien limitat għaż-żoni ta' mal-kosta, iżda mill-prodott ippreservat, il-Liguria kienet tagħmel kummerċ kbir u li jħalli l-qligħ.

B'mod partikolari, il-moġħdijiet tal-muntanji tul il-kosta tar-rivjera tal-Punent kienu jintużaw mhux biss mill-konvojs li kienu jgħorru l-melħ iżda wkoll mill-“acciugai”: hekk kienu jissejju l-bejgiegħa tal-ħut ippreservat. Il-kwalità tradizzjonali tal-inċova mmelħa tal-Baħar tal-Liguria kienet, u għadha, magħrufa f'reġjuni fil-qrib u l-aktar fil-Piemonte, fejn l-inċova mmelħa saret l-ingredjent ewlieni ta' wieħed mill-platti reġjonali l-aktar magħrufa: il-“bagna cauda”.

##### *Reputazzjoni*

Din ir-reputazzjoni tgħin lill-konsumatur biex jagħraf minnufih in-natura unika u awtentika tal-prodott ikkonċernat u hija marbuta mill-qrib mat-tradizzjoni u mal-kultura komuni tas-sengħa tal-preservazzjoni tal-ħut tal-Liguria.

Fil-Liguria, il-preservazzjoni tal-inċova fil-melħ għandha valur ekonomiku għoli minħabba l-apprezzament għoli tal-konsumaturi, li jwassal għal prezzijiet tal-bejgħ ogħla minn dawk ta' prodotti simili li ġejjin minn postijiet oħra.

Barra minn dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika, għandu jiġi enfasizzat il-fatt li fid-djar tas-sajjieda u ta' dawk li jgħixu fiċ-ċentri tal-ibliet iż-żgħar, id-drawwiet tal-preparazzjoni tal-inċova fil-melħ baqgħu ħajjin u jintużaw tekniki antiki li għaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Għalhekk, din hija attività li għandha għeruq sodi fil-kultura tan-nies tax-xatt tal-Liguria, iżda hija daqstant ieħor preżenti fil-memorja ta' ħafna turisti internazzjonali li jżuru l-irħula qrib il-baħar tal-Liguria.

Il-kundizzjonijiet ambjentali tax-xatt tal-Baħar Tirren tal-Liguria jippermettu temperaturi diefja, li huma ideali biex jiggarrantixxu staġjonatura naturali tal-prodott. Il-varjazzjoni ristretta fit-temperatura tat-territorju ta' mal-kosta, ikkundizzjonata mill-azzjoni omeotermika tal-baħar, tiffavorixxi staġjonatura mill-iprem.

Fil-fatt, il-ktajjen tal-muntanji tal-Alpi u tal-Appennini li jaslu eżatt sa xatt il-baħar, jikkostitwixxu barriera effikaċi għall-irjeh kesħin mit-Tramuntana u fl-istess ħin, iż-żona ta' max-xatt tinqata' għaliha waħedha. Mhijjex kumbinazzjoni li r-rivjera tal-Liguria hija magħrufa mad-dinja kollha minħabba l-klima.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

Il-Ministeru nieda l-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta għal emenda tal-IĠP "Acciughe sotto sale del Mar Ligure" fil-*Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana* Nru 180 tat-3 ta' Awwissu 2016.

It-test emendat tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott huwa disponibbli fuq:

<http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/MT/IDPagina/3335>

---